**_28 ta' April, 1998_**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**

Joseph Mercieca

*versus*

Peter Montebello

**Kapitolu - Smiegħ Xieraq**

*Ġie miċħud appell ta' parti li ma deħritx il-Qorti la biex tikkontesta l-kawża u lanqas il-kapitolu.*

Il-Qorti:-

Fl-14 ta' April, 1997, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fil-kompetenza tagħha ċivili, iddeċidiet din il-kawża fil-kontumaċja tal-konvenut b'din is-sentenza:

"Il-Qorti:-

Rat it-talba għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm750) bilanċ minn somma akbar prezz ta' *dumper* lill-konvenut

mibjugħ u kkonsenjat fid-9 ta' Frar, 1996; prezz li kellu jiġi paċut b'xogħol fi żmien sitt xhur li ma sarx, u għalhekk il-bilanċ hu illum dovut;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Novembru, 1996, bl-imgħaxijiet legali mill-istess data, u l-konvenut ġie nġunt għas-subizzjoni;

Rat il-kapitoli ta' l-attur u l-atti l-oħrajn tal-kawża;

Billi l-konvenut ma deherx fl-udjenza tal-lum u lanqas f'dik ta' l-10 ta' April, 1997;

Tqis l-imsemmi kapitolu bħala mistqarra mill-konvenut;

U tilqa' t-talba. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenut";

Il-konvenut appella b'dawn l-aggravji:

"Wara l-udjenza ta' l-10 ta' April, 1997, l-appellant kien intenzjonat jidher quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti biex jikkontesta t-talba attriċi u jitlob żmien jagħmel in-Nota ta' Eċċezzjonijiet tiegħu; illi minħabba indisposizzjoni, il-konvenut ma setax jattendi għal din is-seduta u d-difensur tiegħu sar jaf b'dan il-fatt tal-mard dakinhar ta' l-udjenza stess; illi d-difensur ta' l-appellant kien impenjat quddiem Qrati oħra u ma laħaqx jidher quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti biex jinfurmaha bl-indisposizzjoni tal-konvenut; illi għalhekk l-Ewwel Qorti fehmet li l-konvenut kien kontumaċi;

Fil-11 ta' April, 1997, l-appellant ippreżenta rikors fejn ġab dan kollu a konjizzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti; illi l-Qorti ddekretat dan ir-rikors fl-14 ta' April, billi asjteniet għaliex is-sentenza kienet ġiet deċiża dakinhar; illi għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet lill-appellant minn smigħ xieraq billi naqset milli tikkunsidra dan ir-rikors. Ma hemm ebda raġuni legali valida għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors għaliex fil-fatt ir-rikors ma kienx tardiv. Il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors jippreġudika b'mod ċar lill-*appellant li ma ngħatax l-opportunità li jiġġustifika l-*kontumaċja tiegħu";

Il-Qorti tqis is-segwenti:

L-avviż kien appuntat għall-ewwel smiegħ fis-seduta ta' l-10 ta' April, 1997 u hekk kien ġie notifikat il-konvenut kif jidher mir-riferta ddatata 19 ta' Frar, 1997;

Mill-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' April, 1997, jirriżulta li *meta ssejħet il-kawża ġie ppreżentat kapitolu*, li ġie approvat mill-Qorti, u l-kawża tħaliet għall-14 ta' April, 1997, għas-subizzjoni tal-konvenut li, għalkemm ma ġiex hekk verbalizzat, hu ċar li f'dik l-ewwel seduta ma deherx;

Fis-seduta ta' l-14 ta' April, 1997, ġie vverbalizzat illi l-konvenut msejjaħ tliet darbiet ma deher qatt u t-talba allura ġiet milqugħa u l-kawża deċiża;

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi, kif indikat fl-aggravju ta' l-appellant, fil-11 ta' April, 1997, il-konvenut kien għamel rikors fejn talab li l-Qorti jogħġobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza biex tammettih iġib il-prova relattiva tal-mard tiegħu li kien impedih milli jattendi l-Qorti u dana sabiex ikun

jista' jiġġustifika l-kontumaċja;

Il-Qorti tinnota:

Illi r-rikors ta' l-appellant tal-11 ta' April, 1997, ġie pprezentat *fil-jum tal-Ġimgħa*, waqt li t-tieni smigħ iffissat biex il-konvenut jirrispondi għall-kapitolu kontra tiegħu ġie ffissat għat-Tnejn ta' wara, l-14 tax-xahar. Kellu jkun ovvju *allura* għall-appellant illi kien hemm riskju reali illi sakemm ir-rikors jinġieb għall-attenzjoni tal-Qorti, din tkun laħqet ipproċediet biex tippronunzja s-sentenza tagħha. Hekk fil-fatt ġara. Kien allura obbligu tal-konvenut li jieħu passi rimedjali biex jilqa' għal din l-eventwalità u li allura jagħmel ħiltu kollha biex jassigura li hu personalment ikun preżenti fil-ħin meta l-Qorti ssejjaħ il-kawża tiegħu;

F'dan ir-rigward sewwa ssottometta l-appellat illi l-konvenut f'dawn iċ-ċirkostanzi mhux rikors biex jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza jew biex jiġġustifika *l-kontumaċja* tiegħu, kellu jagħmel, imma kellu personalment jidher biex iwieġeb għad-domanda li saritlu in subizzjoni permezz tal-kapitolu. Dan għaliex is-sanzjoni għan-nuqqas ta' *dehra fiżika* biex jikkontesta t-talba ta' l-attur kienet li l-Qorti kienet obbligata taċċetta l-kapitolu bħala ppruvat u tgħaddi, kif għaddiet, *biex* tippronunzja s-sentenza;

Mis-sottomissjonijiet ta' l-appellant, fir-rikors ta' l-appell, u anke mit-trattazzjoni, din il-Qorti ħadet l-impressjoni illi l-konvenut kien fiżikament f'posizzjoni li jidher il-Qorti, kif mitlub fl-ewwel seduta, biex iwieġeb in subizzjoni. Jekk dan ma kienx hekk, kien allura aktar jinkombi fuqu, jekk ried jevita li l-proċeduri jibqgħu jipproċedu fl-assenza tiegħu, li jassigura li jkun patroċinat f'dik it-tieni udjenza jew almenu li *jidher* xi *ħadd f'ismu biex jinforma lill-Qorti dwar* l-assenza inspjegabbli

tiegħu. Inspjegabbli żgur fir-rigward tat-tieni jum tas-smigħ għal-liema assenza l-appellant baqa' sa issa ma avvanza l-ebda raġuni u wisq anqas skużanti;

Din il-Qorti ukoll ma tistax ma tinnotax illi, flimkien mar-rikors għas-sospensjoni *tal-prolazzjoni tas-sentenza*, minħabba mard, l-ebda forma ta' ċertifikat mediku ma ġie prodott, in sostenn taġ-ġustifikazzjoni ta' din it-talba. Lanqas ma ġie prodott ċertifikat mediku f'dan il-proċeduri u dan naturalment inaqqas mill-kredibilità ta' l-aggravju ta' l-appellant. Kellha allura kull raġuni l-Ewwel Qorti tqis il-kapitolu bħala mistqarr mill-konvenut;

Żgur ukoll li l-appellant ma jistax b'ġustizzja jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatux smiegħ xieraq. Jirriżulta ampjament illi l-Ewwel Qorti osservat bi preċiżjoni d-dettami tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fir-rigward tal-kondotta tal-każ tiegħu u fl-ebda ħin, u bl-ebda mod, ma naqset li tipprovdi lill-appellant l-opportunità li skond il-liġi kellu biex jikkontesta t-talbiet attriċi. Jekk l-appellant dan ma għamlux, dan kien dovut għal mankanza da parti tiegħu li, fil-verità naqas li jagħmel dak li l-liġi kienet tistenna minnu biex jirribatti l-kapitolu in subizzjoni tiegħu, anke meta ma jidher li kien hemm l-ebda raġuni biex dan ma jagħmlux fil-mument opportun. Id-disposizzjonijiet tal-liġi fir-rigward tal-kondotta tal-kawża qegħdin hemm biex jiġu osservati u tkun tonqos dik il-Qorti, li bla ġustifikazzjoni, ma tosservax il-proċeduri imposti mil-liġi. L-istess tkun qed tonqos il-parti li ma tosservax id-dettami tal-liġi fosthom dak li tirrispondi għall-kapitolu in subizzjoni meta dan isir, kienet x'kienet ir-raġuni. Għal dan in-nuqqas il-konvenut appellant jista' (jagħti tort) biss illum lilu nnifsu, imma żgur mhux lill-Qorti li segwiet ir-regoli ta' proċedura b'eżattezza u preċiżjoni;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.